MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## DOREEN CLARKE

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2008

Numru. 1346/2007

Il- Pulzija
(Spettur Therese Sciberras)

-vs-

Charles Tesi

Il-Qorti,

Rat l- akkuza migjuba kontra l- imsemmi Charles Tesi ta' 36 sena imwieled fil- 11 ta' Dicembru, 1971, fil- Pieta`, iben Joseph u Anna nee` Micallef u residenti f' Block A2, Flat No. 2, Door 1, Triq il- Gzira, Gzira detentur tal- karta tal- identita numru 12472M.

Akkuzat talli, f' dawn il- gzejjer, nhar is- 27 ta' Ottubru, 2007 f' xi hin bejn nofs il- lejl u s- sitta ta' filghodu ikkaguna griehi ta' natura gravi fuq il- persuna ta' Mohamed Touarha skond ma ccertifika Dr. Ramon Scerri

M.D. Reg. No. 1986 (art 216 tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta).

Il- Qorti giet mitluba sabiex f' kaz ta' htija tapplika is-sezzjoni 383/384 tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Rat l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu anke wara li l-Qorti fissritlu l-konsegwenzi ta' ammissjoni u tghati zmien biex jahsibha.

Rat l-artikoli 214, 216, u 218 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghat il-partijiet jitrattaw dwar l-piena.

Rat il-fedina penali ta' l-imputat.

Ikkunsidrat

Illi f'l-udjenza mizmuma minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja illum 28 ta' Jannar 2008 l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu; din ghalhekk hija sodisfacjament pruvata.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-koperazzjoni ta' l-imputat mal-pulizija, l-ammissjoni tieghu f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, u l-fedina penali ta' l-imputat.

Illi l-Qorti ikkunsidrat ukoll in-natura tar-reat; fil-fatt mill-atti jirrizulta li g-griehi sofferti mill-*parte leza* bhala konsegwenza ta' l-incident mertu tal-kawza odjerna jammontaw ghal sfregju permanenti f'wiccu (fuq mohhu).

Ghal dawn il-motivi, fuq ammissjoni u wara li rat l-artikoli 214, 216, u 218 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghall-prigunerija ghal perjodu ta' sentejn liema perjodu, b'applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kap 9, qed jigi sospiz ghal perjodu ta' erba' snin.

In oltre b'applikazzjoni ta'l-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u biex tipprovdi ghas-sigurta ta' Mohamed Touarha l-Qorti qed torbot lill-hati b'obligazzjoni tieghu nniffsu taht penali ta' elfejn u tlett mitt Euro (Euro 2,300), li ma jdejjaqx u jimmolestax lill- imsemmi Mohamed Touarha ghal- perjodu ta' sena m' illum.

Il-Qorti spjegat lill-hati fi kliem car r-responsabbilta tieghu taht l-artikolu 28B tal-Kap 9 jekk huwa jikkommetti matul il-perjodu operattiv reat iehor li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------